



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11387/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0164 (NLE)

UD 245
COEST 187
WTO 216

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-Anness XIII (Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) għall-Ftehim
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ
stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda,
u l-Georgia, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-aġġornament tal-Anness XIII
(Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) għall-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/838² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.
- (2) Skont l-Artikolu 406(3) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa jaġġorna jew jemenda l-Annessi għall-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 408(2) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddelega lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni kull waħda mis-setgħat tiegħu, inkluż is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet vinkolanti.
- (4) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni Nru 3/2014³, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ddelega s-setgħa lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, li jaġġorna jew jemenda l-Annessi għall-Ftehim li jirrigwardaw, fost l-oħrajn, il-Kapitolu 5 (Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali) tat-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) tal-Ftehim, sa fejn ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika fil-Kapitolu 5 dwar l-aġġornament jew l-emenda ta' daww l-Annessi.

¹ ĠU L 261, 30.8.2014, p. 4.

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/838 tat-23 ta' Mejju 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 26).

³ Deċiżjoni Nru 3/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġeorġja tas-17 ta' Novembru 2014 dwar id-delega ta' ċerti setgħat mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ [2015/2263] (ĠU L 321, 5.12.2015, p. 72).

- (5) Waqt is-seba' laqgħa tiegħu, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, irid jadotta deċiżjoni rigward l-aġġornament tal-Anness XIII (Approssimazzjoni tal-leġislazzjoni doganali) għall-Ftehim.
- (6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, , billi d-deċiżjoni prevista ser tkun vinkolanti għall-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fis-seba' laqgħa tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, kif imsemmi fl-Artikolu 408(4) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-aġġornament tal-Anness XIII (Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) għall-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ imsemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi ppubblikata *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President